

The TRAFFIC SNAKE GAME

**Gazzetta Elettronika Nazzjonali**
**Ħarġa nu. 5, Marzu 2016**

## Aħna lesti biex nilagħbu; u int?

Din is-sena, 11-il skola minn Malta ser ikunu qed jilagħbu l-logħba bejn April u Mejju, filwaqt li żewġ skejjel diġà lestew il-kampanja b'suċċess f'Marzu! Il-Logħba tat-Traffiku qed tqanqal ħafna entużjażmu f'Malta u nemmnu li l-kampanja qed tagħmel differenza kbira! Għad fadal ħafna żmien sabiex skejjel ġodda japplikaw għall-materjali għal-Logħba tat-Traffiku. Qed nikkuntattjaw xi għalliema sabiex nistaqsuhom jekk għandhomx l-intenzjoni li jilagħbu l-verżjoni 'deluxe' tal-logħba u qed nissuġġerixxu ideat ġodda ta' attivitajiet ġodda.

Aktar skejjel minn madwar il-pajjiż huma mistiedna sabiex jidħlu fil-logħba, għalhekk tiddejqux tikkuntattjawna jew tirreġistraw fi kwalunkwe ħin.






## In-numri jitkellmu weħidhom!

Ir-riżultati juru li l-kampanja tal-Logħba tat-Traffiku żżid l-użu ta' trasport sostenibbli u tnaqqas l-emissjonijiet ta' $CO_2$.

Matul l-ewwel sena tal-kampanja, l-UE laħqet tnaqqis ta' 765.361 kilometri ta' vjaġġi bil-karozzi u 123 tunnellata ta' $CO_2$. L-ammont ta' vjaġġi sostenibbli telgħu minn 62% ta' qabel il-kampanja għal 82% matul il-kampanja. Tlett ġimgħat wara l-kampanja, din il-figura telgħet għal 79%. Dan juri li n-numru ta' vjaġġi sostenibbli żdied meta mqabbel mal-livell bażiku.>>Aqra iktar

Tinsiex tiġbor u tibagħtilna d-data tal-iskola tiegħek. Għandek tiġbor data ta' vjaġġar għall-perjodu ta' qabel, matul u wara l-kampanja. It-total jammonta għal tnax-il ġurnata ta' data għal kull klassi fl-iskola tiegħek.

## Ilgħab online permezz tal-Ismartboard

Jekk l-iskola tiegħek għandha smartboard (magħruf ukoll bħala digiboard) b'konnessjoni mal-internet, ir-riżultati tal-kejl jistgħu jimtlew online. Matul il-kampanja, it-tfal jikklikkjaw fuq l-Ismartboard fuq il-mezz ta' trasport li jkunu wżaw minnflokk jgħollu jdejhom fil-klassi. Id-daqs tat-tikek jinbidel meta jiġu mdaħħla r-riżultati u jinbidel skont in-numru ta' vjaġġi magħmluha b'kull mezz ta' trasport.




Tista' faċilment taċċessa l-ismartboard meta tkun illoggjat. Tista' ddaħħal ir-riżultati tal-kejl billi tagħżel smartboard view fuq it-tabs tal-kejl (before measurment, campaign week 1, campaign week 2, jew after measurement).

# Ingħaqad fil-Logħba tat-Traffiku

Bliet, skejjel u organizzazzjonijiet jistgħu jikkuntattjawna għal iktar informazzjoni dwar il-Logħba tat-Traffiku u kif jistgħu jinvolvu ruħhom fiha. Jekk inti interessat li tingħaqad fiha matul din is-sena għall-ewwel Logħba tat-Traffiku, inti mitlub tikkuntattja lil:

Lorraine Vassallo
Paragon Europe,
+35623390136
Lorraine.vassallo@paragoneurope.eu

Jew żur is-sit tagħna u rreġistra:

http://www.trafficsnakegame.eu/malta/

---

**If you want to subscribe to this newsletter or don't want to receive it anymore, please contact lorraine.vassallo@paragoneurope.eu**

**This newsletter is published by Mobiel 21 on the behalf of the Traffic Snake Game Network Project.**

The sole responsibility for the content of this document lies with the authors. It does not necessarily reflect the opinion of the European Union. Neither the EACI nor the European Commission are responsible for any use that may be made of the information contained herein.

Co-funded by the Intelligent Energy Europe Programme of the European Union